MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Numru. 1358/2012

Il-Pulizija
(Sp Tony Cachia u Sp Spiridione Zammit)
vs
Mariella Vidal, bint Richard, imwielda Pieta’ fis-26 ta’ Lulju, 1974, karta ta’ l-identita’ numru 350974(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
a. talli matul il-ġurnata tas-27 ta’ Diċembru, 2011, iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx u cioe’ li seħħet serqa ġewwa residenza fejn dak iż-żmien kienet tirresjedi u cioe’ ġewwa n-numru 16, Ashanti, Triq il-Maqdes tal-Qedem, Tarxien, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta’ reat b’mod li jistgħu jinbdew proċeduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

b. talli fl-istess data u ġranet ta' wara minħabba l-istess ċirkostanzi ħalfet il-falz quddiem Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament;
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħatja sservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja u bħala perit, f'kull każ li jkun.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ġunju, 2013 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 108(1)(a), 109(1)(2) u 110(2) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, tordna l-interdizzjoni ta' l-imputata għal perjodu ta' ħames snin liema perjodu jibda jiddekorri mil-lum stess. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputata li tħallas is-somma ta' tlett mija u għoxrin euro u tlieta u disgħin ċentesimu (€320.93).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------